MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 358/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nikolai Sant)**
**Vs**
**Dennis Portelli**
**Ian Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1) nhar l- 20 ta' Settembru 2009 f' Birkirkara ghall-habta ta' 13.15hrs, bil- hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt, billi bil- hsieb li jikkommettu serq f'residenza nru. 19 Triq il- Karmnu, Birkirkara ghad- dannu ta' Godfrey Muscat minn Birkirkara, liema serq li kieku gie kkunsmat huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' taghhom;

2) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli fil- bieb tar- residenza nru. 19 Triq il-Karmnu, Birkirkara ghad- dannu ta' Godfrey Muscat minn Birkirkara, liema hsara ma tiskorrix elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija w sittax- il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47);
3) Dennis Portelli akkuzat talli wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricetazzjoni, nhar l-20 ta' Settembru 2009 f' Birkirkara instab fil- pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma kien ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandhom f'dak iz- zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tat-22 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 263, 267, 269, 41, 325 u 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellati hatja w
ikkundannathom sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, ai termini tal-
artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat lill-appellati jhallsu s-somma ta' tlett mija w hamsin Ewro (€350) lil Godfrey
Muscat fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 t'Ottubru, 2009, li
bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha
w thassaraha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellati ghall-piena ta'
sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u minflok timponi piena karcerarja effettiva,
filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornata tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :-
Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija manifestament miti w ma tiehux kont tac-
cirkostanzi partikolari w personali tal-appellati, li, fl-opinjoni ta' l-appellant, juru
manifestament il-karattru refrattarju taghhom u n-nuqqas ta' osservazzjoni tal-ligijiet
penali ta' Malta.
Illi fis-sentenza erogata minnha, l-Ewwel Qorti stqarret illi l-appellati huma t-tnejn
"first time offenders" mill-fedina penali taghhom. Illi tali konkluzjoni ma tistax tkun aktar 'l boghod mir-realta' meta wiehed iqis il-fedina penali ta' l-istess, u b'mod partikolari li l-fatt li jirrizulta li l-appellat Dennis Portelli kien diga' nstab hati tar-reat ta' serq fit-2 ta' Mejju, 1995 u l-Qorti taghtu cans li jirriforma ruhu billi erogat il-piena ta' Section 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta).
Ili l-appellat Ian Farrugia, m'ghandu xejn inqas mill-appellat Portelli w apparti li diga' ghandu tlett sejbien ta' htija precedenti, l-appellat Ian Farrugia qieghed ukoll prezentement fi proceduri kriminali wara sejbien ta' htija fuq ir-reati ta' serq u ricettazzjoni ta' diversi oggetti ta' l-arti mill-Qorti tal-Magistrati. Dan ukoll ikompli juri l-indifferenza ta' l-appellat Ian Farrugia ghall-osservanza tal-Ligi, tant li fil-pendenza tal-imsemmija proceduri kriminali ghal serq, hu ma ddejjaq xejn jikkommetti reat ta' tentattiv ta' serq fuq persuna vulnerabbli w li ssofri minn dizabilita'.
Illi dawn ic-cirkostanzi jimmilitaw favur li fil-kaz odjern tinghata piena ta' prigunerija effettiva immedjata, sabiex il-Qorti taghti messagg car lil dawk id-delinkwenti li mhux se tittollera tali agir u indifferenza kif ukoll sabiex isserrah mohh ic-cittadini li l-ebda delinkwent m'hu se jinghata piena li ma tirrispekkjax il-gravita' w is-serjeta' tar-reat mwettaq minnu.
Illi r-reati ta' serq huma meqjusa bhala reati serjissimi mill-legislatur, tant li r-reati ta' serq huma kollha punibbli bi

prigunerija. Il-legislatur irid li r-reati ta' serq jitqiesu b'mod differenti mill-Qrati ta' Malta mir-reati l-ohra – tant li anke r-recidiva ta' serq hija wahda li tmur lil hinn mill-parametri stabbiliti fl-artikoli 49 et seq. Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta iqis lil persuna misjuba hatja tat-tieni, jew aktar, serqa bhala recidiva nonostante li jista jkun li ghaddew numru ta' snin bejn wahda w ohra.

Semghet ix-xiehda tal-Ispettur Nikolai Sant li kien l-ufficjal prosekutur li kkonferma li quddiem l-Ewwel Qorti kien aderixxa mat-talba tad-difiza li tigi erogata sentenza sospiza.

Ikkonsidrat;

Illi mhux normali li l-Qorti tal-Appell tvarja l-piena jekk din tkun taqa' entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx wahda manifestament eccessiva. F' dan il-kaz l-Avukat Generali qed jissottometti li l-piena kienet wahda miti zzejjed fic-cirkostanzi. Ghalhekk qed jitlob li jkun hemm piena karcerarja effettiva w mhux wahda sospiza.

Illi l-materja ta' appelli dwar il-piena mill-Avukat Generali meta' tkun giet applikata s-sentenza sospiza ghadha kif giet trattata *in extenso* minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef V. De Gaetano fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Maurice Agius"** [13.11.2009] . Din il-Qorti kienet qalet *inter alia* li:-

*"……irid jigi kkunsidrat jekk, fil-kaz in dizamina, il-piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza kenitx wrong in principle jew altrimenti mtaffija wisq (unduly lenient).*

*"Din il-Qorti hi konxja li spiss is-sentenza ta' prigunerija sospiza tigi kkritikata. Gie li tigi malament applikata anke mill-qrati, partikolarment qrati ta' prim istanza, u huwa proprju ghalhekk li l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta' appell anke mill-piena (salv certi limitazzjonijiet). F'dan il-kaz l-appellant Avukat Generali mhux qed ighid li l-piena ta' prigunerija sospiza ma setghetx tigi applikata (ghax, per ezempju, il-minimu applikabbli kien jeccedi s-sentejn*

*prigunerija indikat fl-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, jew ghax kien hemm xi ostakolu iehor, bhal, per ezempju, dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 28A), izda qed jghid li ma kellhiex tigi applikata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fi kliem iehor, qed jghid li l-piena, bis-sospensjoni b'kollox, kienet fil-parametri tal-ligi, izda li f'dan il-kaz ma kellux ikun hemm tali sospensjoni."*

*"Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk*

*il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* **Principles of Sentencing** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-Qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat)"*

"*Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja*

*hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant****:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

*"Apparti xi lmenti dwar il-fatt li l-ewwel qorti ma applikatx (fil-kazijiet fejn kienet hekk mitluba) l-Artikoli 23A u 23B tal-Kap. 9, il-kritika <u>principali</u> tal-appellant Avukat Generali fir-rigward tad-diversi sentenzi moghtija tirrigwarda l-fatt li, trattandosi ta', fost ohrajn, akkuza ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, kellu jkun hemm piena ta' prigunerija b'effett immedjat u mhux, bhalma gara f'dawn il-kazijiet, piena ta' prigunerija sospiza. Din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telenka,………. xi whud mic-cirkostanzi li jridu jitqieghdu fil-kfief tal-mizien, fosthom – izda mhux <u>l-unika cirkostanza</u> – il-gravita` tar-reat."*

*"Mill-banda l-ohra, <u>huwa proprju minhabba din id-diffikulta` li, meta jkun hemm koperazzjoni u, per di piu`, ammissjoni bikrija, specjalment minn min ikun kixef lil haddiehor li jkun aktar qrib ic-centru tal-ghanqbuta</u>, tali koperazzjoni ghandha tircevi xi forma ta' rikonoxximent fis-sentenza li tinghata. ……Biex wiehed jaghmilha cara, dan ma jfissirx li kull meta jkun hemm koperazzjoni u/jew ammissjoni,*

*allura l-piena ta' prigunerija ghandha "awtomatikament" tigi sospiza".*

Fil-kaz ta' **Agius** ghalhekk din il-Qorti, kif diversament preseduta kienet tal-fehma li l-ewwel qorti wzat id-diskrezzjoni taghha b'mod prudenti u b'mod sostanzjalment korrett, b'tali mod ghalhekk li ma kellhiex tintervjeni biex tvarja l-piena kif erogata mill-Ewwel Qorti.

F'dan il-kaz ukoll l-Avukat Generali mhux qed jghid li l-provvediment tas-sentenza sospiza ma setax jigi applikat legalment imma li minhabba l-kondotta tal-appellati kienet indikata piena ta' prigunerija effettiva.

Issa ukoll f' dan il-kaz, bhal fil-kaz ta' **Agius** appena citat *in extenso supra*, l-appellati ammettew il-htija taghhom mill-ewwel u certament dan ghandu jitqies bhala ammissjoni bikrija, ghalkemm ma hux il-kaz li b' tali ammissjoni l-appellati kixfu malviventi ohrajn kif gara fil-kaz ta' **Agius**.

Ghalkemm f' dan il-kaz il-fedina penali taz-zewg appellati ma hix wahda incensurata, lanqas ma jidher li huma *"beyond redemption".* Di fatti ghalkemm l-appellat **Dennis Portelli** kien instab hati mill-Qrati ta' serq aggravat ta' vettura w hsarat volontarji fl-istess vettura, dawn ir-reati gew kommessi fil-1995 w fil-kazijiet l-ohra kellu biss kundanni ghall-glied, storbju, kliem oxxen u reati konnessi mas-sewqan. **Ian Farrugia** wkoll issubixxa tlitt kundanni mill-Qrati mill-1993 'l hawn in konnessjoni ma glied, storbju, theddid jew ingurji lil persuni inkarigati minn servizz pubbliku, reati ta' natura kontravvenzjonali. Jekk hemm xi kawza pendenti fil-konfront tieghu, anki jekk ghal akkuza serja, kif allegat fir-rikors tal-appell, din ma tistax titqies minn din il-Qorti qabel ma dik il-kawza tigi deciza definittivament.

Ghalhekk, meta wiehed iqis il-fatturi kollha imsemmija fis-sentenza ta' **Agius** fuq citata, wiehed ma jistax jghid li l-Ewwel Qorti necessarjament ezercitat id-diskrezzjoni taghha malament f' dan il-kaz.

Dment li l-ligi tippermetti l-applikazzjoni tal-provvediment tas-sentenza sospiza fil-kazijiet kollha fejn il-Qrati mhux prekluzi li japplikawh u cioe' dawk imsemmija fl-artikolu 28A (7), u dment li ma jkunx hemm xi ostakolu legali iehor li jimpedixxi l-uzu ta' dan il-provvediment, il-Qorti tal-Appell bhala linja generali m' ghandhiex tissindaka d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni ta' dan il-provvediment. Forsi, *de lege condenda,* l-legizlatur ghandu jerga' jivvizita mill-gdid dan il-provvediment u jaghmel restrizzjonijiet fuq l-applikazzjoni tieghu oltre dawk gja ezistenti, jekk l-officcju tal-Avukat Generali jhoss li dan il-provvediment qed jintuza b' mod liberali zzejjed mill-Qrati tal-Magistrati.

Umbaghad f'dan il-kaz din il-Qorti hi ferm inqas disposta milli taghmel dan stante li l-istess Spettur prosekutur kien aderixxa mat-talba tad-difiza li l-Ewwel Qorti teroga sentenza sospiza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata. Ghall-kull buon fini din il-Qorti qed terga' taghti l-ispjegazzjoni lill-appellati fit-termini tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u cioe` qed terga' tispjegalhom bi kliem car ir-responsabbilta' taghhom taht l-Artikolu 28B jekk huma jikkommettu matul il-periodu operattiv (liema periodu beda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata, cioe` mit-22 ta' Settembru 2009) reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (8) tal-imsemmi Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------